MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 402/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**Vs**
**Shawn Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1) fis-7 ta’ Awissu 2004 ghall-habta tas-1.40 a.m., waqt li kien ghaddej bil-vettura ta’ l-ghamla Renault bin-numru ta’ registrazzjoni CAD-301 f’dawn il-gzejjer u cioe’ fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq fl-inhawi tas-Salini, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Chiarlo Spiteri, detentur tal-karta ta’ l-identita 247079 (M) u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-

arti jew fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Marouska Cesare, detentrici tal-karta ta’ l-identita 233786 (M) hekk kif iccertifika Dr Stephen Muscat Reg. No. 1455 ta’ l-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f’wahda mill-idejn u dan ai termini ta’ l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni DBE-857 ghad-detriment ta’ Peter Paul Degiorgio, detentur tal-karta ta’ l-identita 302476(M) u mutur ta’ l-ghamla Honda CB 400 bin-numru tar-registrazzjoni FAL-324 , propjeta ta’ James Callus, detentur tal-karta ta’ l-identita 42733(M) u li minhabba f’hekk grat il-mewt ta’ Chiarlo Spiteri detentur tal-karta ta’ l-identita 247079(M) u ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Maruoska Cesare detentrici tal-karta ta’ l-identita 233786(M) u dan ai termini ta’ l-Artikoli 328 (a), 328 (b) u 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz u dan ai termini ta’ l-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Settembru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 17, 30, 225, 226(1)(a), 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ tlett (3) snin u skwalifikatu milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti kkundannatu sabiex sa zmien xahar minn

meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf hames mija w wiehed u tletin Euro u hamsa w erbghin Euro centezmu (€1531.45), liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-06 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tħassar,tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull ħtija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:

1. Illi fis-7 t'Awwsiiu 2004 għall-ħabta tas-1.40am fl-inħawi tas-Salina u dan fil-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq waqt li l-appellanti kien qed isuq il-vettura CAD 301 fuq il-karreġġjata tiegħu fit-triq imsemmija mid-direzzjoni ta' San Pawl għal tas-Sliema huwa ra mutur li qed jaqla' vettur ossia korrozza li kienet fuq il-karreġġjata l-oħra li tagħti mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema lejn San Pawl il-Baħar u f'daqqa waħda feġġ mutur ieħor li ssorpassa l-vettura. Dan baqa' dieħel fuq in-naħa tal-lemin fuq in-naħa tal-appellant l-karrozza mill-karreġġjata li fiha kien fqu is-side tiegħu spiċċat iddur għal fuq il-karreġġjata l-oħra u dan per konsegwenza li tqaċċtitlu r-rota u s-suspension tal-vettura li kien qed isuq l-appellanti.

2. L-appellanti kien għaddej b'veloċita' ta' madwar 25 jew 30 mil fis-siegħa;

3. Illi din ix-xhieda l-appellanti ta kemm waqt l-inkjesta a tempo vergine kif ukoll matul dawn il-proċeduri;

4. Illi jirriżulta mill-pjanta li għamlu l-perfiti nominati matul l-inkjesta li tinsab a fol 60 u 61 tal-proċes verbal li fqu in-naħa ta' fejn kien qed isuq l-appellanti u allura fil-karreġjjata l-propja li bi dritt kien għaddejm fiha ġew

konstati nuċċali li nstabfil-karreġġjata fejn jdiher li sar l-impatt bejn il-vettura CAD 301 misjuqa mill-appelalnti Shawn Bonello u l-vettura ossia mutur li baqa' dieħel fuq il-vettura tal-appellanti FAL 324 misjuqa mill-vittma Charlo Spiteri, kif ukoll il-crash helmet tas-sewwieq Charlo Spiterili hija indikata fil-pjanta aktar 'l isfel fuq l-istess direzzjoni tal-karreġġjata msemmija li kien oliebes Charlo' Spiteri.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti jidher ċar li għamlet apprezzament ħażin tal-fetti meta skartat kompletament ix-xheida unika tad-difiża u allura l-imputat meta fil-verżjoni tiegħu spjega ezatt id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident sfortunat, imma l-konsegwenza ta' kif seħħ l-inċident kien kollu negliġenza qawwija mis-sewwieq tal-mutur FAL-324 l-istess vitgtma Charlo' Spiteri li dan invada l-karreġjata t-tajba fejn kien qed isuq l-appellanti li kkawża l-konsegwenza kollha wara li jidher li kemm hu u mutur ieħor li laħaq għadda qabel kienu qed isuquhom fil-coast road;

2. Illi b'kull rispett, dwar l-iskits kif imħejji fil-pjanta tal-Perit Valerio Schembri, għalkemm huwa indiakt fejn spiċċat il-vettura tal-appelalnti u allura fil-karreġġjata l-oħra r-raġuni għala din spiċċat hemm hija propjru wara l-impatt head on tal-mutur in kwistjoni mal-vettura tal-appellanti u li hemm hekk l-appelalnti minħabba li tqaċċtitlu r-rota u s-suspension spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq u mhux kif il-Qorti rrimarkat 'Huwa minnu li l-imputat isostni li huwa kien qed isuq fuq sajdu iżda l-Qorti apparti l-fatt li m'għandha ebda raġuni għala tiddubita mill-kredibilita' tal-varji xhieda okulari appena ċitati, tixtieq tirrileva wkoll li kkonstatat veri inkonsistenzi...'

3. Illi l-Qorti kellha b'mod xjentifiku aktar milli tistrieħ fuq varjazzjoni fix-xhieda mismugħa biex tkun tista' tasal

għall-fatti kif seħħew eżatt, speċjalment dwa rid-dinamika preċiża ta' kif iseħħ l-inċident;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji hawn fuq indikati, il-Qorti ma setgħet qatt issib ħati lill-appellanti tal-ewwel akkuża a bażi tal-fatt li l-appellant qatt ma kiena kkużat li huwa kien taħt l-influwenza tal-alkoħol u dan peress li ma nġabet l-ebda akkuża ad hoc f'dan iss-ens u xorta issib l-appellanti ħati taħt din l-akkuża peress li kif qalet hi, li għalkemm il-livell tal-alkoħol konsentit mil-Liġi għal persuna li tkun qed issuq huwa ta' 80 mg per 100ml meta effettivament mix-xhieda ta' Dr Julie Galea t-testijiet jirriżultaw li l-appellanti kellu livell ta' alkoħol ta' 120 mg għal kull 100 ml, dan fih innifsu ladarba hemm il-Liġi speċjali għall-akkuża per se, il-Qorti ma setgħet qatt tpoġġi din l-interpretazzjoni bħala ksur tar-regolamenti għall-fini tar-eat ikkontemplat fl-artikolu 225 tal-Kap 9 kif hua akkużat l-appellanti fl-ewwel imptuazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm is-sentenza tkun waħda li setgħet legalment u raġjonevolment setgħet tasal għaliha.

Ġaladarba qed ikun allegat fl-ewwel aggravju apprezzament ħażin tal-fatti, il-Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi kfi ser jidher hawn taħt.

Eżamijiet tekniċi.

L-ewwel eżami tekniku kien dak tal-espert mekkaniku. Dan qal li l-karozza Renault misjuqa mill-appellant kellha daqqa soda fuqha fuq in-naħa ta' quddiem (lemin) tant li tqaċċtet minn mas-suspension tal-istess naħa . Il-mudguard ta' quddiem kien maqlugħ u mqaċċat minn postu, imkebbeb u mixħtu fit-triq. (24).

Kellha ħsarat kbar fuq in-naħa tal-lemin, liema ħsara hija kompatibbli ma' daqqa soda ma' vettura oħra.

Il-motocycle tal-marka Honda 400 cc FAL-234 kien jinsab maqlub taħt il-bankina xi għaxar metri bogħod bi ħsarat kbar fuq il-parti ta' quddiem tiegħu. Il-handle bar in-naħa tal-lemin tgħawweġ lura.

Kien hemm sinjali ta' tkaxkir bejn il-karozza u l-mutur liema grif kien kompatibbli ma' grif li nstba fuq il-mutur.

Kien hemm partijiet tal-vetturi, imxerrdin u mkissrin kemm fl-istess karreġġjata kif ukoll fil-karreġġjat al-oħra.

Ma nstbu ebda impronti ta' brake marks jew tyre marks.

Dan l-espert ikkonkluda li s-sewwieq tar-Renault tilef il-kontroll u mar fuq in-naħa l-oħra tat-triq fil-karreġġjata opposta fejn kien qed jinstaq il-motorcycle misjuq minn Charlo Spiteri. Hemm il-vetturi ħabtu. (fol 27)

L-espert ma sab ebda ħsara fuq ir-Renault li biha seta' ntilef il-kontroll tal-vettura. L-isteering kien għadu jiffunzjona. It-tyres kienu tajbin u s-sitema tad-dawl tiffunzjona.

L-espert kompla hekk:

'Fuq in-naħa tax-xellug, fl-istess karreġġjata, kienet tinsab il-karozza Subaru ta' kulur metallic green bin-numru ta-reġsitrazzjoni DBE-857 li **din sidha kien qed jilmenta li ġarrbet ħsara fl-inċident meta ntlaqtet mill-motocycle. '**

L-espert qal ukoll li ma nstabu ebda provi li min kien qed isuq l-vettura Renault applika l-brakes biex jevita l-inċident.

L-espert ikkonkluda li l-inċident seħħ meta s-sewwieq tar-Renault tilef il-kontroll u spiċċa fil-karreġġjata l-oħra.

Mir-relazzjoni tal-Perit Arkitett jirriżultaw dawn il-punti:

(a) Fil-karreġġjata minn Bugibba lejn Tas-Sliema jidhru mmarkati – U li l-perit immarka bħala l-fdalijiet tal-mera tal-mutur FAL-324; u
R – Nuċċali.

(b) Fil-karreġġjata li minn Tas-Sliema tagħti għal Buġibba l-Perit immarka:
Il-karozza DBE 857 kważi fl-istess livell ta' fejn instabet il-mera; il-mutur HAQ 804; Y – karkura tan-nisa; Z – żewġ crash helmets; X- karkura tan-nisa; il-mutur FAL-324; W –karkura tal-irġiel; S- T- Girfa fuq wiċċ tat-tarmac; V – karkura tal-irġiel u l-karozza CAD 301.

Xhieda okulari

(a) Marouska Cesare, li kienet riekba pillion, xehdet li f'ħin minnhom, James, il-ħabib tal-mejjet Charlo u t-tfajla li kellu miegħu qabżu vettura. Hi u l-mejjet Charlo baqgħu wara l-vettura. F'ħin minnhom rat dawl qawwi ġej ġo wiċċha u daqshekk . Kient taf li spiċċat mal-art. Damet l-isptar 17-il jum u kellha ħafna ksur.

(b) Paul Degiorgio (24 ta' Ġunju 2006)kien qed isuq karozza Subaru. Miegħu kellu lil Johan Ellul, warajh kien hemm Rebecca Casha u n-naħa l-oħra t-tfajla tiegħu Daniela Rosso (illum Degiorgio).. Kif qabżu l-Coastine Hotel kien ra vettura ġejja taqsam min-naħa tagħha għal fuq in-naħa tiegħu, b'veloċita'daqsxejn eċċessiva. Kien xegħel il-bright iżda d-driver xorta baqa' ġej fuq in-naħa ta' fejn kien qed isuq ix-xhud head on. Ix-xhud sswervja fuq in-naħa tal-ġenb tat-triq. Kien ħadu fuq in-naħa tal-ġenb ta' wara u laqat lill-mutur. Il-karozza kellha ħsara fuq il-mudguard ta' wara, il-bumper u l-fanal ta' wara. Il-mutur f'ebda ħin ma pprova jaqbżu.

L-istess xhud ittella' jixhed ukoll fil-11 ta' Jannar 2007. Ħdejn il-Coastline kien induna li kellu żewġ muturi warajh. Imbagħad saq mal-ġenb ħalli jgħadduh iż-żewġ muturi iżda qabżu wieħed biss. Huwa ra karozza ġejja fid-direzzjoni tiegħu u għalhekk teptep il-bright. Din daħlet f'postha iżda reġgħet ħarġet fuq il-lane tiegħu. U ra ġejja

fid-direzzjoni teigħuj. Il-parti ta' wara ta' din il-vettura ħabtet mal-parti ta' wara tal-vettura tiegħu (fol 42). Il-vettura skiddjat u daħlet ġol-mutur li kien warajh. Huwa kien ra lill-vettura taħbat mal-mutur mill-mera tan-nofs. L-impatt seħħ fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Kieku ma resaqx lejn il-bankina, il-vettura l-oħra kienet taħbat miegħu head on.
(ċ) Rebecca Casha qalet li rat dawl ġej fuq in-naħa tagħha. Il-vettura laqtet lill-vettura tagħhom fuq in-naħa tal-lemin ta' wara. Il-vettura baqgħet dieħla fil-mutur li kien warajhom. Fil-kontro-eżami qalet li fl-inkjesta ma kenitx semmiet id-dawl iżda qalet biss li ħasset il-vettura tiċċaqlaq. Hi kienet rat il-mutur fin-naħa t-tajba tat-triq u l-karozza dieħla fih.

(d) Johann Ellul qal li kien ra vettura ġejja fid-direzzjoni tagħhom u kien qal lix-xufier (Paul Degiorgio), 'Dan x'qed jagħmel?' Kif il-vettura Renault għaddiet minn magħhom, Paul Degiorgio kien waqaf għax qal li l-vettura kienet laqtitu fuq wara. Fil-pront sema' ħoss kbir u ra li l-vettura (Renault) kienet laqtet mutur. Meta nltaqtu huma kienu diġa' mal-ġenb tat-triq.

Fil-kontro-eżami huwa qal li mal-ħabta l-mutur kien warajhom. Peress illi huma kienu ġġenbu biex jevitaw l-impatt ir-Renault kienet baqgħet dieħla fil-mutur. Il-mutur ma kienx qed jaqbiżhom.

(e) Christine Briffa kienet riekba ma' James Callus. Kienu qed isuqu **quddiem** il-mutur misjuq minn Charlot għalkemm warajhom eżatt kien hemm karozza tifred liż-żewġ muturi. James kien isswervja lejn ix-xellug biex jevita l-vettura li kienet ġejja minn quddiem li kienet qed tagħmel manuvra ta' sorpass. Wara li sswervjaw semgħu ħoss kbir. Huma kienu daru lura għaliex indunaw li kien ġara xi ħaġa lill-ħbieb tagħhom.

(f) Daniela Degiorgio xehdet li hi kienet rieqda. Qamet meta ħasset ħabta żgħira mal-vettura. Semgħet lil Peter Paul jgħid 'Ħadni' u lil Johann Ellul jgħid 'tal-mutur, tal-mutur.'

(g) James Callus xehed li hu kien iddeċieda li jissorpassa karozza għax ma kienx hemm vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta. Charlo Spiteri kien baqa' wara l-karozza. Imbagħad ra vettura riesqa lejn il-vettura tagħhom mill-faċċata. Kienet qed tagħmel manuvra ta' sorpass ta' tliet vetturi. Huwa sema' ħsejjes ta' aċċident warajh. Huwa ħares u ra lil Charlo u lil Marouska mal-art. Ix-xufier tar-Renault faqqa' flixkun tal-birra mal-art.

Esperti Oħrajn

(h) It-Tabib Stephen Muscat xehed li Marosuka Cesare kellha feriti gravi – frattura fit-tibia u r-right ankle.Sa sena wara kienu għadhom qed jarawha.

(i) Dr Pierre Farrugia ikkonferma li l-appellant kellu ħafna brix f'għajnejh il-leminija. Fir-retina kien hemm nefħa fuq in-naħa ta' ġewwa tal-għajn.

(j) Dr Julie Galea xehdet li kieent ħadet kampjuni tad-demm mill-appellant. L-alcohol kien jaqra 120. (fol 71).

(k) Il-Professur Michael Sammut qal li l-livell tal-alkohol kien ta' 100 mg per hundred mls ġod-demm kollu. Il-Liġi tippermetti 80mg per 100 mls.

Jixhed l-appellant.

Fit-13 ta' Novembru 2009, l-appellant kien xehed li meta kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Saint Andrews innota mutur ġej fid-direzzjoni opposta. Mutur qabeż għal fuq il-lane minn fejn kien għaddej hu u għadda eżatt mal-karozza tiegħu. Eżatt warajh kein hemm mutur ieħor illi għamel l-istess manuvra. Dan ġibed 'il abrra u baqa' dieħel fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin tal-karozza Renault. Infaqa' l-windscrren u l-karozza spiċċat in-naġa l-oħra tat-triq. Huwa kien qed isuq fuq sajdu u bi speed baxx. Bid-daqqa tqaċċtitlu s-suspension. L-isteering ġibidlu kollox fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

Huwa qal li l-impatt sar fejn hemm l-ittra R (fejn isntab in-nuċċali).Għalkemm kien xorob xi erba’ fliexken birra huwa kien jaf x’qed jagħmel.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-ewwel mutur kien ġibdel ‘il abrra imam ma kienx ġibed fuq il-lane tiegħu.

Il-mutur kien qed jipprova jovertejkja wkoll u dan spiċċa ġo fija. Huwa nnega li kien laqat il-karozza. Huwa qal li x-xhieda keinu ħbieb ta’ xulxin u dak in-nhar tal-inċident kienu qed jitkellmu ma’ xulxin ‘l bogħod minnu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett hawn żewġ verżjonijiet ta’ kif seħħ l-inċident. L-appellant jinnega li huwa invada l-kareġġjata opposta u jsostni li kien il-mutur li daħal fuqu head on.

Meta xehed fl-inkjesta l-appellant kien xehed hekk:

‘Quddiemi jien rajt mutur jaqla’ karozza u ppruvajt niskapulah iżda baqa’ dieeħdl fil-windscreen fuqi. Naf li lqatt xi karozza b’xi ftit fuq wara taħgha u dan waqt li qed niskapula l-mutur. Il-karozzi li kien hemm quddiemi kienu fil-bogħod. Jien kont f’sajdi u kien hemm kaorzza oħra ġejja lejja fid-direzzjoni opposta. Minn war din il-karozza feġġ mutur li pprova jaqlagħha u baqa’ dieħel direct hit fuqi. (fol 91 u 92).’

Il-Qorti kkunsidrat li fir-rapport tal-espert mekkaniku s-sur Joseph Zammit, sid s-Subaru lmenta li l-karozza ġarrbet ħsara fl-inċident meta ntlaqtet mill-motorcycle. Dana ma ntqalx bil-ġurament. Il-Qorti tifhem li dan id-diskors seta’ ntqal minħabba li Johanna Ellul (skond Daniela Degiorgio) kien semma l-mutur meta nstemgħet id-daqqa. Meta is-sur Degiorgio (is-sid tas-Subaru) xehed bil-ġurament dak in-nhar stess tal-inċident huwa qal li kienet il-vettura li laqtitu (fol 102). L-appellant stess fl-inkjesta xehed li kien hu stess li laqat is-Subaru waqt li r-ritratti miġbudin mis-scene of the crime officers juru brix ta’ żebgħa (ara ritratt 04CBG 123) li għandhom l-istess kulur tar-Renault.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-brix fuq is-Subaru sar mill-appellant.

Dwar id-dinamika tal-inċident lill-Qorti jirriżultalha li l-appellant f'xi ħin żgur kien qed isuq lejn in-naħa tas-Subaru. Ix-xufier tas-Subaru mhux biss iġġenneb iżda teptep ukoll lill-appellant li f'xi mument reġa' daħal fil-karreġġjata tiegħu.

Li l-appellant kien xorob aktar alkohol milli tippermetti l-Liġi u saq jirriżulta mix-xhieda ta' Dr Julia Galea.

Jibqa' għalhekk il-problema ta' kif seħħ l-inċident.

Tliet xhieda qalu li raw lill-appellant jibqa' dieħel fil-karozza Subaru u wara fil-mutur. Dawn kienu Peter Paul Degiorgio, Rebecca Casha u Johann Ellul.

Marouska Cesare rat dawl kbir u ma kinitx taf x'sar. Daniela Dergiorgio kienet rieqda. Christine Briffa u James Callus semgħu ħoss kbir iżda ma rawx x'ġara fil-mument tal-impatt. L-aktar wieħed kategoriku kien Peter Paul Degiogio li qal li ra l-azzjoni mill-mera tan-nofs.

Kontra din it-teżi hemm ix-xhieda tal-appellant li insista (kemm a tempo vergine kif ukoll meta xehed fuq il-pedana tax-xhieda) li wkoll it-tieni mutur pprova jissorpassa u li l-ħabta kienet saret fil-kareġġjata fejn kien qed isuq hu hekk kif il-mutur daħal fih head on. L-appellant spjega wkoll 'il-parti tal-Physics' għaliex il-karozza tiegħu spiċċat in-naħa l-oħra tat-triq.

Ix-xhieda forensika ta' fuq il-post turi żewġ oġġetti fil-karreġġjata ta' fejn kien qed isuq l-appellant – il-mera tal-mutur u n-nuċċali. Tassew li dawn huma ftit biss 'il bogħod min-nofs tat-triq u tassew ukoll li t-triq hija ta' 4.15 metri fuq naħa tas-central strip ( minn fejn jgħaddu l-vetturi biex imorru fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar) u 4.00 metri fuq in-naħa l-oħra. Iżda jibqa' li l-fatt li l-oġġetti msemmija nstabu fil-karreġġjata ta' fejn ma kienx suppost qed isuq il-mutur. Tibqa' ftit mistoqsija kif dawn instabu hemm jew kif taru f'din il-parti meta l-krakar kemm tal-

mejjet kif ukoll tal-pillion kif ukoll il-helmets instabu fuq in-naħa tal-karreġġjata ta' fejn kien għaddej il-mutur. (Ara l-pjanta fir-relazzjoni tal-Perit maħtur mill-Qorti). [1]

Ir-rapport tas-Sur Joseph Zammit, l-espert tekniku, jgħid li s-sewwieq tar-Renault għal xi raġuni tilef il-kontroll u sab ruħu fil-karreġġjata l-oħra. Huwa jeskludi xi mechanical fault fil-karozza li wassal għal dan. Allura l-kawża kienet jew li l-appellant tilef il-kontroll jew minħabba, kif spjega hu, id-dinamika tal-ħabta.

Il-Qorti fl-analiżi tal-aħħar għandha dan:

(a) Żewġ muturi ta' żewġt iħbieb li qed isuqu flimkien fid-direzzjoni lejn Buġibba b'wieħed minnhom jagħmel is-sorpass b'suċċess;

(b) Fil-karreġġjata fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema nstabu żewġ affarijiet li kellhom x'jaqsmu mal-mutur li setgħu taru mal-impatt (il-mera u n-nuċċali)

(ċ) L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u indika l-post fejn sar l-impatt bħala dak immarkat R. Il-mera tal-mutur tidher iżjed 'l isfel lejn id-direzzjoni ta' Buġibba. Iż-żewġ oġġetti instabu fil-kareġġjata fejn kien qed isuq l-appellant, jiġifieri fid-direzzjoni lejn Baħar iċ-Ċagħak jew Tas-Sliema.

(d) L-appellant kien xorob alkoħol aktar milli tippermetti l-Liġi.

(e) L-appellant għamel brix u ħsara fuq il-karozza Subaru (li skond l-espert tekniku kienet tammonta għal amdwar Lm100).

(f) L-appellant kien għamel sorpass ta' tliet karozzi.

(g) L-appellant kienet inġibditlu l-attenzjoni, permezz tat-tpetpit, li kien qed jinvadi l-karreġġjata opposta.

---

[1] Il-wisa' tas-central strip hija ta' circa 1.72 metres – relazzjoni a fol 55).

L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha kienet qalet hekk:

*'Il-Qorti m'għandha ebda raġuni il-għala tiddubita mill-kredibilita' tal-varji xhieda okulari appena ċitati.....F'dan l-istadju jrid jiġi relevat li mill-provi fil-fatt irriżulta li Degiorgio u l-paassiġġiera li kien hemm fil-vettua tiegħu ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' Spiteri u Callus fis-sens li dawn la kienu magħhom u lanqas kienu jafuhom.' (fol 114).'*

Din il-Qorti taqbel mal-valutazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar ix-xhieda okulari. Biss dan il-każ ikkomplika ruħu għax barra ż-żewġ verżjonijiet, il-pjanta tagħti 'verżjoni' oħra. Il-konklużjoni finali trid tikkonsidra dan id-dokument biex wieħed ikun jista' jagħmel l-aħħar ġudizzju.

Il-Qorti għandha quddiemha

(a) verżjoni oħra – dik tal-imputat li spjega x'kien ġara meta, skont hu, is-sewwieq Chairalo Spiteri pprova jaqla' minn wara s-Subar u ta r-raġuni mekkanika jew xjentifika ta' kif il-karozza tiegħu spiċċat hemm u
(b) il-pjanta tal-Perit maħtur bil-Qorti li turi żewġ affarijiet **li jqanqlu dubju fejn kien il-mutur fil-mument tal-ħabta.**

Dawn instabu fil-karreġġjata fejn kien qed isuq l-appellant u mhux fejn instabu l-affarijiet l-oħra. Il-Qorti tifhem li finalment il-mutur, il-krakar u l-crash helmets spiċċaw fuq il-karreġġjata li kien qed isegwi l-mutur fi triqtu lejn Buġibba. Is-sinjal tal-grif li hemm mal-art huwa prova li wara l-ħabta kien hemm xi tkaxkir bilfors malli l-mutur intefa' lura wara l-impatt. Iżda la l-mera u n-nuċċali nstabu fil-karreġġjata fejn kien qed isuq l-appellant, allura ma tistax teskludi li l-kolliżjoni seħħet hemm.

Iżda l-Qorti baqgħalha dak 'il-lurking doubt' (minħabba dak li deher fil-pjanta) jekk fil-fatt il-ħabta mal-mutur seħħitx kif qalu x-xhieda okulari jew, kif kif xehed l-appellant (kemm fl-inkjesta kif ukoll waqt il-proċeduri), li għandu l-evidenza 'forensika' li ssostni dak li qal.

Il-Qorti għalhekk qed tapplika l-prinċipju ‘in dubio pro reo’ u konsegwentement qed tilliberah mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Dwar it-tielet imputazzjoni l-Qorti qed issib lill-appellant ħati BISS talli għamel ħsara fil-vettura tal-għamla Subaru bin-numru tar-reġistrazzjoni DBE-857 għad-detriment ta’ Peter Paul Degiorgio ( wara kollox dan ammettieh l-appellant stess fl-Inkjesta u r-ritratt huwa prova oħra minħabba l-kulur tal-grif) iżda qed tilliberah minn dik il-parti tal-imputazzjoni li tgħid hekk ‘ u mutur tal-għamla Honda CB 400 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAL-324 sa……..u kkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta’ Marouska Cesare detentriċi tal-karta tal-identita’ 233786(M)’

**Ir-Raba’ Imputazzjoni**

Jirriżulta mix-xhieda lil-appellant kien qed isuq kemm bla kont u kemm b’mod perikoluż. Fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Alfred Mifsud’ (6 ta’ Mejju 1997) kien intqal hekk:

*‘’Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan bi traskuraġni kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m’għandux jieħu minħabba l-probabilita’ ta’ ħsara li tista’ tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indiffernti għal tali riskji.*

*Sewqan perikoluż jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu għal terzi jew għall-propjeta’ tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita’ tal-inċident u l-preżenza o meno ta’ traffiku ieħor jew ta’ nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan fk’aż partikolari jista’ jaqa’ taħt tnejn jew aktar minn dwn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tla-lIġi u d-diottrina in materja ta’ konkors*

*ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż.'*

L-appellant kien qed jinvadi l-karreġġjata ta' ħadd ieħor, qed jagħmel sorpass ta' tliet karozzi fi triq ferm perikoluża u spiċċa biex għamel ħsara fil-karozza ta' ħadd ieħor. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tar-raba' imptuazzjoni.

Il-Qorti qed tilqa' l-ewwel tliet aggravji safejn dawn jolqtu l-inċident bejn il-mutur FAL-324, il-mewt ta' Chiarlo Spiteri u l-offiżi ta' Marouska Cesare iżda mhix tilqagħhom safejn dawn b'xi mod għandhom x'jaqsmu mal-ħsara fuq is-Subaru DBE-857 u r-raba' imputazzjoni.

Ir-raba' aggravju m'hemmx li jkun ikkonsidrat minħabba li l-appellant qed ikun liberat mill-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Settembru 2010 billi tikkonfermaha fejn sabet ħtija tat-tielet imputazzjoni safejn din għandha x'taqsam mal-ħsara li ġarrbet il-karozza DBE-857; qed tikkonfermaha wkoll fejn sabet ħtija tar-raba' imputazzjoni; u qed tirriformaha billi fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni għal dik il-parti li tibda ' *'u mutur tal-għamla Honda CB 400 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAL-324, propjeta' ta' James Callus detentur tal-karta tal-identita' 42733(M) u li minħabba f'hekk ġrat il-mewt ta' Chiarlo Spiteri detentur tal-karta tal-identita' 247079(M) u kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Marouska Cesare detentriċi tal-karta tal-identita' 233786(M)'* minflok qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni kif ukoll minn dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tidher fl-italics f'dan l-istess paragrafu ( minn 'u mutur tal-għamla Honda CB 400 sa karta tal-identita' 233786(M)) u qed tirrifomaha wkoll billi minflok il-piena ta' sentejn priġunerija u li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li kellhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin u l-iskwalifika milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar qegħda

minflok tikkundanna lill-imputat, wara li rat l-artikoli 17(f) u 328(d) tal-Kap 9 u l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 għall-ħlas ta' multa ta' €1054 u qed tiskwalifka lill-appellant milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal tliet xhur li jibdew jiddekkorru min-nofs il-lejl ta' llum.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tordna lill-appellant iħallas l-ispejjeż ta' dawk l-esperti biss (inklużi fost l-oħrajn l-espert is-Sur Joseph Zammit – espert mekkaniku – is-scenes of the crime officers għal dawk ir-ritratti fejn juru l-ħsarat fuq is-Subaru u l-esperti li għandhom x'jaqsmu mat-tossikoloġija). Il-ħlas isir fi żmien xahar minn meta r-reġsitratur joħroġ il-kont relattiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------